MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1312/2003

Kawza fil-lista: 17

**A B C**
**Vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-partijiet izzewwgu fl-24 ta’ April 1999 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Peress illi l-partijiet isseparaw nhar is-16 ta’ April 2002;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga fuq id-

drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif jirrizulta mill-Artiklu 19 (1)(d) ta' l-att li Jirregola z-Zwieg, Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet huwa vizzjat b'eskluzzjoni taz-zwieg innifsu jew wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt tal-att konjugali u dan kif jirrizulta mill-Artiklu 19 (1) (f) ta' l-att li Jirregola z-Zwieg, Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-kunsens ta' xi parti huwa soggett ghall-kundizzjoni li tirreferi ghall-futur u dan kif jirrizulta mill-Artiklu 19 (1) (g) ta' l-att li Jirregola z-Zwieg, Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-
1. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fl-24 ta' April 1999 hawn fuq imsemmi huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dana ai termini ta' l-artiklu 19 (1)(d) u jew artiklu 19 (1)(f) u jew artiklu 19 (1)(g) ta' l-atti taz-zwieg hawn fuq indikat.

Il-konvenuta hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenuta debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet intaqghu ma' xulxin meta l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 17 il-sena. Wara gherusija ta'

circa sitt snin[1], huma zzewgu fl-24 ta' April 1999 meta allura l-attur kellu madwar 29 sena u l-konvenuta kellha circa 23 sena.[2] Wara tlett snin ta' zwieg il-partijiet ghamlu kuntratt ta' separazzjoni bonarja fis-16 ta' April 2002[3]

Illi l-provi ta' l-attur f' dawn il-proceduri jikkonsistu fl-affidavit tieghu, u tal-genituri tieghu li wkoll xehedu quddiem l-Assistent Gudizzjarju, kif ukoll id-deposizzjoni taz-zija tieghu. Il-konvenuta ma gietx prodotta bhala xhud in subizzjoni, u dan nonostante li fil-lista tax-xhieda ta' l-attur din hija indikata bhala xhud, flimkien ma' "hbieb tal-partijiet li jafu il-fatti tal-kaz."[4]

Illi l-versjoni ta' l-attur, li jezercita l-professjoni ta' Nutar, hija moghtija f' affidavit estensiv u hija fis-sens li huwa kien sar jaf lill-konvenuta circa sitt snin qabel iz-zwieg. Matul dan iz-zmien, u jidher li fi stadju inizjali, huwa sar jaf li l-konvenuta kellha trobbija u background socjali differenti minn tieghu, u eventwalment sar jaf li missierha kellu l-problema tax-xorb li kienet kagun ta' tensjoni kbira kemm fil-familja tal-konvenuta kif ukoll fl-istess konvenuta li kienet tkun ta' sikwit imdejjqa minhabba dan il-fatt. Minkejja dan, l-attur xorta wahda kompla r-relazzjoni mal-konvenuta, siefer maghha diversi drabi, u fi kliemu "kellna relazzjoni sesswali bejnietna qabel iz-zwieg bil-kunsens tat-tnejn, liema relazzjoni intima kienet tajba hafna."[5] Attendew il-kors ta' Kana, u ghalkemm skond l-attur ir-relazzjoni pre nuzzjali kienet f' xi okkazzjonijiet turbata b' disgwid, il-partijiet dejjem spiccaw irrangaw, u eventwalment izzewgu.

Fl-affidavit tieghu l-attur jilmenta li wara z-zwieg il-konvenuta bdiet tnaqqas l-interess taghha fid-dar matrimonjali, telqet mix-xoghol taghha bil-pretest li tiehu hsieb id-dar u jidher li zviluppaw problemi bejniethom li wasslu gha-separazzjoni taghhom. L-attur jghid li gurnata minnhom huwa kien issorprenda lill-konvenuta ma' ragel

---

[1] Aff. Attur fol.15
[2] Jigi osservat li l-attur ma pprezentax estratt mill-Att taz-zwieg.
[3] Jigi osservat li ma giex prezentat il-kuntratt ta' separazzjoni.
[4] Fol.9
[5] Aff.fol.17

iehor fid-dar matrimonjali u li l-konvenuta ghadha f' relazzjoni ma' dan ir-ragel. Huwa jakkuza lill-konvenuta b' infedelta' li "kienet tant vicin iz-zwieg taghna" minghajr pero' ma jispecifika data jew zmien li fiha sehh dan l-allegat fatt, u jkompli jghid "jiena konvint li din kienet ilha sejra ghal zmien twil. Ghalhekk nikkonkludi billi nghid illi l-konvenuta qatt ma kienet lesta li tassumi l-obbligi matrimonjali specjalment dawk tal-fedelta."[6]

Fl-affidavits taghhom il-genituri ta' l-attur jilmentaw mill-komportament tal-konvenuta qabel iz-zwieg, fosthom li din kienet tiehu diversi pilloli, kienet tkun mdejjqa u "ghal kul xejn tinfexx tikbi …. Kienet tiehu medicina ghal kull haga ta' xejn. Kienet thobb tixrob l-inbid u l-Vodka."[7] Iz-zija ta' l-attur, Suor Angiolina Cutajar, fix-xhieda taghha tghid inter alia li, f' dan il-perijodu, gieli kienet tisma lill-partijiet jargumentaw u li "jiena qatt ma kont naraha kuntenta …. dejjem iffissata fuq il-mard."[8]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq tlett kawzalijiet bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, u precisament il-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi [d], [f] u [g].

F' dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li *onus probandi ei qui dicit non ei qui negat*, u konformament ma' dan il-principju kardinali f' materja ta' prova, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. Multo magis f' kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita' tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mir-ragunijiet espressament kontemplati fil-ligi *[App.Joseph Zammit vs Bernardette Zammit deciza 27.01.2006].* Fil-kaz in disamina l-attur li qed jitlob l-annullament, sabiex jirnexxi fl-azzjoni tieghu, ghandu l-obbligu li jipprova sodisfacentement l-esistenza tal-fatti li fuqhom huma bazati l-capita nullitatis fuq indikati, jew wiehed minnhom.

[6] Fol.20
[7] Aff. Catherine C fol.23
[8] Dep. Fol.32

Illi rigward l-ewwel kawzali, l-attur isostni li l-kunsens "tal-partijiet" kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]"* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri

termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi <u>livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni</u>, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attrici jew il-konvenut kienu inkapacitati minn difett <u>serju</u> ta' diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat. Mill-provi rrizulta li qabel ma zzewgu dawn kienu ilhom gharajjes circa sitt snin. Ma rrizultax li il-partijiet dahhlu ghaz-zwieg impreparati minghajr dik il-maturita' ekwilibrata u l-gudizzju ghaqli dwar l-importanza tad-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Di fatti mill-provi jirrizulta ukoll li dawna kienu attendew ukoll il-kors ta' Kana – fattur li, ghalkemm ma' jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni assoluta li koppja kienet preparata sew ghaz-zwieg, izda minn naha l-ohra huwa fattur li jindika b' mod qawwi tali preparazzjoni, u li jimmilita serjament kontra t-tesi li l-partijiet ma kienux konxji tad-dmirijiet u drittijiet essenzjali li z-zwieg jimporta.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt snin qabel iz-zwieg. Jirrizulta manifest li l-qabel

iz-zwieg il-partijiet kienu jafu lil xulxin sew, kemm emozzjonalment kif ukoll fisikament. It-tnejn kemm huma kienu konxji sew tal-posizzjonijiet rispettivi taghhom, u in partikolari l-attur, li fiz-zmien taz-zwieg kellu circa 29 sena u kien diga' jesercita l-professjoni ta' Nutar, kien konsapevoli tal-problemi familjari li kienet ghaddejja minnhom il-konvenuta fid-dar tal-genituri taghha. Ma dan kollu huwa xorta hass, u ddecieda li jkompli bir-relazzjoni mal-konvenuta u jinghaqad maghha fiz-zwieg. Minn naha taghha l-konvenuta, ghalkemm din il-Qorti ma kellhiex il-beneficju li tisma' jew alemnu taqra l-versjoni taghha, jirrizulta li, ghalkemm forsi dina seta' kellha karattru difficli forsi anke rizultat tal-ambjent li fiha trabbiet, ma hemm xejn fil-provi li jindika li dina kienet tbati minn <u>difett</u> <u>serju</u> ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. Il-fatt allegat tan-nuqqas ta' discretio judicii da parti taghha kellu jigi pprovat mill-attur, u fil-fehma tal-Qorti din il-prova tirrizulta lampantament mankanti. Certament il-fatt li persuna jkollha d-difetti, jew ahjar karatterstici negattivi, fil-personalita' taghha allegati mill-attur u x-xhieda tieghu, ma jwasslux ghall-maturita' ta' dan il-*caput nullitatis*.

Illi f' dan il-kaz jidher li wara z-zwieg ir-relazzjoni bejn il-partijiet zviluppat diffikultajiet li wassluhom ghal separazzjoni personali. Anke jekk dak li qal l-attur dwar ir-relazzjoni extra maritali tal-konvenuta huwa veritiera [ghalkemm ma ngabux provi ulterjuri in propositu, nonostante li fl-affidavit tieghu jghid li din ir-relazzjoni kienet ghadha tissussisti], izda dawn il-problemi, ghalkemm jistghu jservu ta' bazi ghal separazzjoni personali, ma jwasslux per se ghan-nullita' taz-zwieg bazat fuq il-kawzali in disamina.

F' dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li, nonostante li l-attur jallega relazzjoni extra maritali da parti tal-konvenuta, u nonostante li huwa jsostni li "l-infedelta' tal-konvenuta tant kienet vicin [id-data taz]-zwieg" li huwa kien "konvint li din kienet ilha sejra ghal zmien twil", dana xorta naqas li jressaq xintilla ta' prova in propositu, u strah biss fuq l-allegazzjoni nuda u cruda tieghu, u l-konvinzjoni tieghu. Huwa naqas li jispecifika d-data jew iz-zmien li

fiha ssorprenda lil martu ma' ragel iehor, izda jillimita ruhu ghall-allegazzjoni li din kienet vicin hafna z-zwieg. Naqas ukoll jispjega u jiddelinea l-fatti li wassluh ghall-konvinzjoni li dik ir-relazzjoni kienet ilha sejra ghal zmien twil. Dawn in-nuqqasijiet huma lampanti tenut kont tal-fatt li minn dan l-allegat fatt l-attur jikkonkludi, fl-affidavit tieghu, li "l-konvenuta qatt ma kienet lesta li tassumi l-obbligi matrimonjali specjalment dawk tal-fedelta."[9] – asserzjoni li timplika l-eskluzjoni pozittiva ta' dan id-dmir essenzjali tal-hajja matrimonjali fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. In vista tal-premess il-Qorti tosserva li din il-kawzali ma treggix.

Hija applikabbli ghal kaz l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA Marita Schembri vs Emanuel Schembri* deciza 9.04.2003 fis-sens li ghandha issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizutaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni , u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament.

Dan il-bran japplika wkoll ghat-tieni kawzali ta' l-attur bazata fuq il-kontenut tal-para.[f] tal-Art.19[1] li jikkontempla l-kaz ta' vizzju ta' kunsens minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. F' dan ir-rigward l-attur qed jimputa s-simulazzjoni fil-konfront "ta' xi wahda mill-partijiet"[10]. Fil-fehma tal-Qorti, din id-dicitura, impjegata fil-kaz ta' din il-kawzali, taghti l-impressjoni li l-attur qed 'jispara biex forsi jolqot'. Dan qed jinghad ghax is-simulazzjoni hija bazata fuq att pozittiv tal-volonta' u allura l-attur ghandu jkun jaf jekk waqt l-ghoti tal-kunsens huwa kienx qed jissimula jew le.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe* deciza 9.12.2002,

[9] Fol.10 – sottolinear ta' din il-Qorti
[10] Att tac-citazzjoni

is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala colorem habens substantiam vero nullam li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA C vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jhigi ppruvat.

Ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi f' din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b' att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, u l-ben essere reciproku.

Jinghad mill-ewwel li mill-provi ma jirrizulta xejn li jindika li din il-kawzali treggi fil-konfront ta' l-attur. Anzi l-provi juru li hu kkonsenta u ried li jinghaqad fiz-zwieg mal-konvenuta bil-konsapevolezza piena tad-dmirijiet u drittijiet li l-hajja matrimonjali tesigi. Jidher pero' li kif jirrizulta minn nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, l-attur qed jressaq din il-kawzali fil-konfront tal-konvenuta. Bazikament it-tesi ta' l-attur f' dan ir-rigward hija espressa minnu f' dawn it-termini:

" …. Illi l-konvenuta meta kienet qeghda taghti l-kunsens taghha fuq l-artal, internament kienet qeghda taghmel mod iehor – kienet qed taccetta li tizzewweg lill-attur ghaliex kien ragel sew u kien il-mezz sabiex takkwista l-libeta', sigurta' u s-serhan tal-mohh. Kien mezz sabiex

hija tahrab mill-problemi familjari taghha, u bhal meta kienet ssiefer ma' l-attur, tkun tista' tgawdi u ma tibqax tghix fil u mal-problemi li kellha qabel."[11]

In propositu l-Qorti tosserva li l-fatt li persuna jkollha ukoll motivi ohrajn sabiex tizzewweg, bhal per ezempju sabiex ma tkomplix tghix mal-genituri taghha u jkollha dar taghha, u sabiex ikollha s-sigurta' u s-serhan tal-mohh jew sabiex tghix hajja ahjar anke finanzjarjament, dawn per se, ma jissodisfawx il-vot tal-ligi; ghax il-ligi tirrikjedi li l-parti tkun eskludiet b' att pozittiv tal-volonta' element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att konjugali. Il-konsiderazzjonijiet ta' qabel ma jeskludux dawk ta' l-ahhar. Di fatti fil-kaz odjern ma jirrizultax mill-provi li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, il-konvenuta kienet eskludiet pozittivament, internament jew esternament, wiehed mid-dmirijiet jew drittijiet tal-hajja konjugali. Il-problemi li zviluppaw wara z-zwieg izda fit-tlett snin ta' qabel ma sseparaw bonarjament, u li l-attur imputa lill-konvenuta fil-paragrafu 10.20 tan-nota tieghu, ma jwasslux, in mankanzi ta' provi ohra, necessarjament ghal dak li qed isostni l-attur, u cioe' li l-konvenuta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens kienet "qeda teskludi certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga". Ghaldaqstant anke din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi.

Illi t-tielet kawzali mressqa mill-attur hija bazata fuq il-kontenut tal-paragrafu [g] tal-Artikolu precitat, u dan, fit-termini tal-att tac-citazzjoni, wkoll fil-konfront "ta' xi parti." Din il-parti ta' dan l-Artikolu tistipula n-nullita' "jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirriferi ghall-futur." Skond l-awtur George Lobo, citat mill-attur, " …. a marriage is truly conditional if [1] the condition proceeds from a positive act of will although this may be implicit; [2] must have been freely placed; [3] must have been present and not revoked at the time of the marriage [The New Marriage Law – 1997][12]

[11] Nota fol.69 – para.10.19
[12] sottolinear ta' din il-Qorti

L-attur fin-nota tieghu jsostni li meta l-konvenuta ccelebrat iz-zwieg hija "rabtet il-kunsens taghha ma kundizzjoni illi kienet tirriferi ghall-futur – ossia li taghmel qabza fil-kwalita' tal-hajja taghha billi titlaq mill-familja taghha, u jekk tipprezenta ruhha opportunita' ma ragel iehor tohodha minghajr hafna skrupli."[13] Il-Qorti tosserva li mill-prova ma rrizultax li l-konvenuta rabtet il-kunsens taghha mal-kundizzjonijiet imsemmija mill-attur, b' mod partikolari l-ahhar parti li tirrizulta gratuwita. Il-fatt li l-konvenuta kkommettiet adulterju waqt iz-zwieg, anke jekk jirrizulta, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-kunsens taghha kien vizzjat bil-mod pretiz mill-attur. Fi kliem iehor, mill-provi ma rrizultax, la implicitament u wisq anqas espressament, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens il-konvenuta kellha diga' l-hsieb li tikkommetti adulterju u li zzewget prorpju b' dak il-hsieb f' mohhha u b' dik il-kondizzjoni; lanqas ma rrizulta li hi zzewget bil-kundizzjoni li taghmel qabza fil-kwalita' tal-hajja taghha.

F' dan l-istadju mhuwiex ozjuz li jigi ribadit li l-oneru tal-prova tal-fatti allegati jirrisjedi kompletament fuq l-attur. F' dan ir-rigward il-qorti tosserva li l-provi huma skarsi. Hekk ad exemplum ma tressqux provi dwar iz-zmien u c-cirkostanzi li fihom il-konvenuta rrendiet hatja ta' adulterju, liema fattur setghu jaghtu aktar dawl fuq il-forma mentis tal-konvenuta meta dina kienet qeda taghti l-kunsens taghha. Ghalhekk tenut kont tal-fatt li dan sehh fil-perijodu ta' tlett snin wara z-zwieg, il-fatt per se ma jwassalx validament ghall-konkluzjoni li dan il-hsieb kien diga' f' mohha meta zzewget. Ghaldaqstant anke din il-kawzali tirrisulta mhux sostnuta mill-provi.

F' kazijiet bhal dawk in disamina, il-Qorti fl-apprezzament taghha tal-provi ghandha tkun kawta u timxi b' cirkostpezzjoni; u ghandha necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha, u taghtihom il-piz li hu normalment mistenni f' sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.

[13] para.11.2 fol.70 – sottolinear tal-Qorti

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh. *[App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987, citata b' approvazzjoni PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002]*

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhux gustifikata la fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------